**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 18 ta' Marzu 2021

Rikors Numru: 159/2019/2 AL

**A B (KI 0560312L)**

**vs**

**C B (KI 0211872M)**

**(Att taz-Zwieġ bin-Numru Progressiv 1762/2004)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-konvenut li permezz tiegħu ppremetta:

[1] Fol. 2.

1. *Illi l-esponent qed jipprezenta r-rikors odjern biex jitlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti pendent l-proċeduri odjerni ta' separazzjoni personali kif jiddisponi l-artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili.*

2. *Illi l-partijiet ilhom separate de facto sa minn ċirca Settembru 2018 u ma hemm xejn li għandu jwaqqaf lil din l-Onorabbli Qorti milli tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet.*

3. *Illi ħadd mill-partijiet ma huwa ser ibati xi preġudizzju mhux proporzjonat.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent C B umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili.*

2. *Tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 55 (5) tal-Kodiċi Ċivili u li din l-ordni għandha jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti saret b'att pubbliku.*

Rat ir-risposta tal-attriċi A B[2], fejn eċċepiet:

*Illi permezz tar-rikors intavolat mill-intimat datat 19 ta' Jannar 2021, l-intimat qed jitlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijie ta' Malta.*

*Waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

1. *Illi l-esponenti toġġezzjona għal tali talba a bazi tas-subinċiz 4 tal-Artikolu 55 li jistipula li qael tordna l-waqfien tal-komunjoni, il-Qorti għandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawza.*

2. *Illi fil-fatt l-esponenti qiegħda toġġezzjona għal din it-talba u dan għas-segwenti raġunijiet:*

[2] Fol. 4 – 5.

a. *Illi fis-16 ta' Jannar 2017, il-partijiet iffirmw partnership u dan skond l-anness DOK A liema partnership tikkonsisti f'kiri ta' apartamenti kemm tagħhom kif ukoll ta' terzi. Illi hemm ukoll kollox irreġistrat mad-dipartiment tal-VAT rigward din il-partnership. Illi l-esponenti ħalset għal diversi immobbli kif ukoll refurbishments sabiex il-partijiet ikunu jistaw jibdew ikru. Illi ad insaputa tal-esponenti, l-intimat iffirma diversi kuntratt ta' kiri ta' apartamenti u l-qligħ minn dawn l-apartamenti baqgħu għand l-intimat.*

b. *Illi di piu matul iz-zwieġ, il-konvenut fetaħ diversi kumpaniji u partnerships li fihom jinnegozja irħam fost oħrajn ma terzi. Illi l-esponenti kienet tingħata biss informazzjoni minima u lanqas biss taf x'assi hemm f'dawn il-kumpaniji. Illi hija għad fadlilha diversi provi xi tressaq sabiex jiġi aċċertat x'assi hemm fil-komunjoni tal-akkwisti. Din il-Qorti għandha biex tkun imħassba, fis-sens jekk l-intimat ma sab l-ebda problema biex jippreġudikalha d-drittijiet tagħha, jekk tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti, u allura indubbjament ser ikun preġudizzju sproporzjonat. Illi skond l-anness dokument DOK B l-intimat għandu sehem mill-kumpanija Marble Works Limited (C 17708) u l-intimat għandu 50% mis-shares tal-imsemmija kumpanija. Illi l-investimenti kollu illi saru fl-imsemmija kumpanija jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti. Dan japplika ukoll għad-dividends tal-imsemmija kupanija. Illi peress l-fondi li pew investiti fil-Kumpanija Marble Works Limited ġew investiti bħala Retained Earnings, sabiex wieħed jikkalkulha l-profit tagħhom, iridu jgħaddu diversi snin u ċioe bejn 3 u 4 snin. Illi għalhekk sabiex ikun hemm stampa ċara ta' x'investiment għamel l-esponenti s-sena l-oħra iridu jgħaddu ċcirca tlett snin oħra. Illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-intimat, l-esponenti ser issoffru indubbjament preġudizzju sproporzjonat.*
*Illi għalhekk ikun ta' preġudizzj kbir jekk il-komunjoni tal-akkwisti tiġi xola bejn il-partijiet, għaliex l-investimenti kollha illi saru matul iz-zwieġ, liema investimenti għadhom issiru bi flus li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti se jgwadihom l-intimat biss.*

c. *Illi l-esponenti bi ħsiebha itella' diversi xhieda quddiem il-Perit Legali sabiex jiġi stabbilit x'assi jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti u jiġi*

*stabbilit l-introjtu tal-intimat u dana peress li dan għandu dħul sostanzjali.*

3. *Riċentament, l-esponenti tagħmel referenza ukoll għas-sentenza Ronals Asciak vs Antonia Asciak mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datata 21 ta' Novembru, 2018 fejn ġie ritenut illi:*

   *Fil-fehma tal-Qorti, wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet tikkonkludi li sallum ingabru ftit wisq mill-provi tal-partijiet u ghalhekk huwa kompitu difficili ghall-Qorti biex ikollha stampa cara tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*
   *……. Jekk din il-Qorti kellha tawtorizza l-waqfien tal-komunjoni, hemm certi perikoli x'jista' jsir bin-negozju, li jista' joholqu pregudizzji sproporzjonati lill-intimata, li diga' allegat fuq xi tbabiz f'xi investimenti u addiritura lanqas ghada ma kellha l-opportunita' li tipproduci provi fuqhom. Fil-fehma tal-Qorti, wara li gharblet sew is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet firrigward qed tikkonkludi illi x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju meta ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jirreka pregudizzju mhux proporzjonat fuq l-intimata"*

*Għal dawn ir-raġunijet imsemmija, l-esponenti hija tal-umli opinjoni li f'dan l-istadju it-talbiet tal-intimat hekk kif dedotti fir-rikors pdjern datat 19 ta' Jannar 2021 għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.[3]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. ***L-Azzjoni Odjerna:***

[3] Fol. 8.

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-konvenut C B sabiex pendenti l-kawza bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, hekk kif il-konvenut jallega illi *"l-partijiet ilhom separati de facto sa minn circa Settembru 2018 u ma hemm xejn li għandu jwaqqaf lil din il-Qorti milli tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet. Illi ħadd mill-partijiet ma huwa ser ibati preġudizzju mhux proporzjonat"*.[4]

Min-naħa l-oħra, l-attriċi toġġezzjona għal din it-talba fejn in sintenzi tgħid illi *"għad fadlilha diversi provi xi tressaq sabiex jiġi aċċertat x'assi hemm fil-komunjoni tal-akkwisti. (...) Illi għalhekk ikun ta' preġudizzju kbir jekk il-komunjoni tal-akkwisti tiġi xolta bejn il-partijiet, għaliex l-investimenti kollha li saru matul iz-zwieġ, liema investimenti għadhom isiru bi flus li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwist se jgawdihom l-intimat biss"*.[5]

## 2. *Prinċipji Legali:*

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55 subinċiz 1 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' li f'kull zmien matul is-smiegħ tal-kawza ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi wahda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

[4] Fol. 2.
[5] Fol. 5.

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn ilpartijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sintezi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[6] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit*

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.

*jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[7] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**,[8] fejn kompla jiġi affermat illi: *"Fi kliem iehor il-pregudizzju irid ikun sproporzjonat fis-sens li mhux kull pregudizzju jaghti lok ghal cahda ghat-talba in kwistjoni. Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi taghha u din il-Qorti hija konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom".*

### 3. *Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

Il-Qorti hija marbuta permezz tal-Artikolu 55 subinċiż 4 tal-Kodiċi Ċivili li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija għandha tezamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawża. Għaldaqstant il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel dan l-ezerċizzju.

[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.
[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.

Fil-fehma tal-Qorti jidher illi l-argumenti mressqa mill-attriċi sabiex toġġezzjona għat-talba tal-konvenut għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huma tnejn (2), ċjoe':

(i) L-ezistenza ta' *partnership* bejn il-partijiet li tikkonsisti f'kiri ta' appartamenti, u kif ukoll sehem il-konvenut f'diversi kumpaniji u partnerships, inkluz il-kumpanija Marble Works Limited (C 17708), li permezz tagħhom jinnegozja irħam ma' terzi, fost oħrajn – fejn l-attriċi tikkontendi illi hija ħalset għal diversi immobbli u *refurbishments* għall-*partnership* tal-kirjiet, filwaqt li l-investimenti li saru fil-kumpanija tal-irħam, fosthom fondi tal-partijiet investiti bħala *retained earnings* u d-*dividends* tal-istess kumpanija, jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti; u

(ii) L-istadju tal-provi għadu wieħed bikri, hekk kif l-attriċi tikkontendi illi għad fadlilha diversi provi xi tressaq sabiex b'hekk jiġi stabbilit x'assi jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll sabiex jiġi stabbilit l-introjtu tal-konvenut liema introjtu huwa allegatament wieħed sostanzjali.

B'hekk u f'kaz li tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju, l-attriċi tallega li ser issofri minn preġudizzju sproporzjonali għaliex il-frott ta' dawn l-investimenti qiegħed u ser ikompli jgawdihom il-konvenut waħdu, filwaqt li timplika li kieku t-talba tal-konvenut tiġi akkolta, l-attriċi ser titlef sehemha mill-introjtu sostanzjali tiegħu. Magħdud ma' dan u fi kwalunkwe kaz, l-attriċi tallega illi ma huwex idoneju illi din il-kwistjoni tiġi deċiza issa hekk kif ma ġiex stabbilit b'mod konkret dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, liema kwistjoni *se mai* tippreġudika ukoll lill-attriċi b'mod sproporzjonat.

Fil-fehma tal-Qorti, ikun ta' benefiċċju li z-zewġ argumenti mresqa mill-attriċi bħala oġġezzjoni għandhom jiġu trattati flimkien għaliex f'għajnejn il-Qorti huwa ċar illi l-oġġezzjoni tal-attriċi hija waħda li tiffoka fuq il-fatt li għadha ma resqietx il-provi kollha dwar dak li jappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti, u b'hekk hija tinsab maħkuma mill-biza' illi f'kaz li t-talba tal-konvenut għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tiġi milqugħa, hija ser tiġi preġudikata milli tirkupra sehemha: (i) mill-introjtu tiegħu, (ii) mid-dħul tal-kirjiet skont il-*partnership* li hemm bejniethom, (iii) mill-investiment li qed isiru mill-komunjoni tal-akkwisti fil-kumpanija Marble Works Limited, u (iv) d-dħul u l-profitt tal-istess kumpanija. Barra minn hekk, l-attriċi tittenta titfa' dell ikrah fuq il-konvenut billi

b'mod indirett timplika li l-aġir u l-intenzjoni tiegħu kienu dejjem tali illi jeskludu lill-attriċi milli tkun taf id-dettalji kollha dwar in-negozju tal-irħam.[9]

Fir-rigward tan-nuqqas ta' rendikont dettaljat ta' dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti tħoss li huwa opportun li tibda sabiex tirribadixxi l-pozizzjoni tal-Qrati nostrana fir-rigward tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti matul il-kawza ta' firda personali, fis-sens illi *"s-sentenza appellata tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat u ma taffettwax l-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti sad-data tal-ordni ghall-waqfien"* - liema insenjament ġie riċentament ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019 fis-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**. Għaldaqstant, wieħed irid izomm f'moħħu illi meta si tratta l-materja in kwistjoni, ma hemmx lok li ssir lamentela dwar in-nuqqas ta' kjarezza dwar dak li sal-prezent jistabbilixxi l-komunjoni tal-akkwisti għaliex l-elenku jew in-nuqqas tiegħu ta' dak li jifforma parti mill-komunjoni huwa estranju għall-proċeduri in dizamina.

Fir-rigward tal-allegat aġir tal-konvenut sabiex jaħbi minnha dawk l-assi bil-konsegwenza li l-attriċi titlef dak li jappartjeni lilha bi dritt, il-Qorti tevalwa illi din l-insinwazzjoni tal-attriċi fuq zewġha ma ġietx minimament ippruvata. Huwa minnu li l-attriċi resqet numru ta' provi dokumentarji,[10] li fil-fehma tagħha jikkorrabboraw l-oġġezzjoni tagħha u l-preġudizzju sproporzjonat, madanakollu dawn il-provi jippruvaw biss u sempliċiment l-ezistenza ta' *partnership* u li l-konvenut għandu sehem minn kumpanija bl-isem Marble Works Limited. Jiġi mfakkar illi min jallega li ser isofri preġudizzju mhux proporzjonat għandu jġib tali prova.[11]

Għaldaqstant, fil-kaz odjern u għal fini tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, l-attriċi kellha l-obbligu li tressaq dawk il-provi li jistabbilixxu dak allegat minnha, senjatament: (i) li l-intimat iffirma diversi kuntratti ta' kiri ta' appartamenti, u li l-qligħ minn dawn l-appartamenti qiegħed jitgawda mill-konvenut waħdu, (ii) li

---

[9] Ara r-risposta tal-attriċi għar-rikors odjern tal-konvenut, a fol 4: *"Illi l-esponenti kienet tingħata biss inforazzjoni minima u lanqas biss taf x'assi hemm f'dawn il-kumpaniji. (...) Din il-Qorti għandha tkun imħassba, fis-sens jekk l-intimat ma sab l-ebda problema biex jippreġudika dak li kien ħaqqha l-esponenti waqt iz-zwieġ, aktar ser ikun f'pozizzjoni li jippreġudikalha d-drittijiet tagħha, jekk tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti, u allura indubbjament ser ikun preġudizzju sproporzjonat"*.

[10] Ara: (i) Il-kopja tal-ftehim tal-*partnership* li hemm bejn il-partijiet rigward kirjiet ta' appartamenti, a fol. 6, (ii) Prova li l-konvenut huwa wieħed mid-diretturi u għandu nofs l-ishma tal-kumpanija Marble Works Limited li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni C-17708, a fol. 8, u (iii) Annual Report tal-kumpanija Marble Works Limited għas-sena 2018 u 2019, a fol. 9 – 30.

[11] Ara s-sentenzi fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014, u **Claire Pisani vs Joseph Pisani**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.

l-profitt abbazi tal-investiment mill-komunjoni tal-akkwisti fil-kumpanija Marble Works Limited jista' jiġi kkalkulat fi zmien tlett (3) jew erbgħa (4) snin; u (iii) li l-konvenut ma kienx jitkellem mal-attriċi dwar il-kumpanija Marble Works Limited, tant li l-attriċi kienet tingħata biss ftit informazzjoni. Fin-nuqqas ta' tali prova rigward l-allegati skopijiet ulterjuri tal-konvenut li b'xi mod qiegħed jittenta jippreġudika l-pozizzjoni tal-attriċi b'mod sproporzjonat, il-Qorti ma tistgħax taqbel mal-argument tal-attriċi.

Rigward il-biża' tal-attriċi li bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti hija ser titlef sehemha mill-investimenti kollha li saru matul iz-zwieġ u kif ukoll mill-introjtu sostanzjali tal-konvenut, l-attriċi timplika li jekk tiġi akkolta t-talba tal-konvenut, dan tal-aħħar ser igawdi l-frott tal-ħidma tiegħu mingħajr ma jaqsam l-istess frott mal-attriċi. Barra minn hekk, l-attriċi tagħmel referenza għall-fatt li għad trid ittella' numru ta' xhieda quddiem il-Perit Legali sabiex, fost oħrajn, jiġi stabbilit l-introjtu tal-intimat li allegatament huwa wieħed sostanzjali. Fil-fehma tal-Qorti, b'mod indirett tagħti x'tifhem illi tezisti diskrepanza bejn l-introjtu taz-zewġ partijiet.

F'dan il-kuntest il-Qorti tevalwa li għall-darb' oħra l-allegazzjoni tal-attriċi ma ġietx minimament ippruvat. Mill-atti ma jirrizultax kemm hu l-introjtu tal-partijiet, u lanqas deskrizzjoni preċiza tax-xogħol ewlieni tagħhom. Sa dan l-istadju jirrizulta biss illi l-partijiet għandhom l-impjieg tagħhom, fejn l-attriċi taħdem ma' Crowe Horwarth (Malta),[12] filwaqt li l-konvenut jaħdem bħala *self employed*.[13] B'hekk għall-Qorti jirrizulta li kull parti f'din l-kawza qiegħda tgħix b'mod separat u indipendentament mill-parti l-oħra,[14] u dan inkluz mill-aspett finanzjarju. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**,[15] fejn ġie mgħallem illi:

*"Il-Qorti hija tal-fehma li dak li qed tibża' minnu l-intimata ma jikkostitwiex preġudizzju mhux proporzjonat. Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju*

[12] Hekk dikjarat mill-konvenut a fol. 990 tal-proċess bin-numru 159/2019 AL, fejn il-Qorti tevalwa li dan l-indirizz qiegħed jintuza sabiex l-attriċi notifikata bl-atti ġudizzjali ta' din il-kawza.
[13] Ara l-ftehim iffirmat bejn il-partijiet nhar is-16 ta' Jannar 2017, a fol. 6.
[14] Ara r-rikors tal-konvenut a fol. 2; Ara r-rikors tal-attriċi għat-tibdil tas-serratura tal-fond matrimonjali datat 16 ta' Diċembru 2020 a fol. 981 – 985 tal-proċess bin-numru 159/2019 AL u d-dokumenti annessi mal-istess rikors: Il-konvenut jirrileva li l-partijiet ilhom jgħixu *de facto* separati minn xulxin sa minn Settembru 2018 fejn konsegwentament għall-bidu tas-sena 2019 huwa telaq mill-fond matrimonjali u ċjoe' 3, Flat 1, Oakland, Triq is-Sikka, Marsascala, u mar jgħix għand il-ġenituri tiegħu fil-fond bl-indirizz 7, Little Danny Flats, Flat 3, Triq Dun Xand Cortis, Birkirkara. Min-naħa l-oħra, l-attriċi baqgħat tirrisjedi fil-fond matrimonjali.
[15] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar il-15 ta' Marzu 2018.

*fl-ambitu u fl-iskop tal-liġi illi meta l-ħajja miżżewġa tal-partijiet tispiċċa, konjuġi ma jibqax igawdi l-frott tal-ħidma tal-konjuġi l-ieħor. Huwa dan l-iskop, jew wieħed mill-iskopijiet, għall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proċeduri tal-firda, għaliex jista' jkun ta' preġudizzju għal konjuġi wieħed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti u l-konjuġi l-ieħor jibqa' jgawdi l-frott tal-ħidma tal-ewwel konjuġi, minkejja li l-ħajja matrimonjali bejniethom tkun spiċċat;*[16] *Dana naturalment mingħajr ebda preġudizzju għal kwalsiasi manteniment li jista' jkun dovut.*

*M'hemm l-ebda dubju li fil-każ odjern, il-ħajja matrimonjali tal-partijiet spiċċat u llum jinsabu jgħixu indipendentement minn xulxin. Kienet l-attriċi nnifisha li rrikonoxxiet dan meta ntavolat il-proċeduri odjerni għas-separazzjoni personali tal-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti, f'dawn iċ-ċirkostanzi fejn il-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet spiċċat, u m'hemmx wisq prospett ta' rikonċiljazzjoni bejniethom, tant li l-medjazzjoni bejniethom ma rnexxietx, l-attriċi m'għandhiex tibqa' tippretendi nofs l-introjtu ta' żewġha u dan irrispettivament u indipendentement mill-fatt li prima facie jirriżulta li hija għandha titħallas manteniment mingħandu".*[17]

Dan l-insenjament kompla biex ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell, fejn kompliet izzid illi:

*"Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fiz-zwieg fejn jezisti r-regim tal-kommunjoni l-partijiet huma socji indaqs, izda huwa minnu wkoll li bis-separazzjoni anke de facto s-sitwazzjoni tal-partijiet tinbidel partikolarment bhal fil-kaz prezenti fejn il-firda de facto tkun ilha zmien tezisti bejn il-partijiet".*[18]

Fil-kaz odjern jirrizulta li l-partijiet ilhom separati *de facto* minn xulxin għal ftit iktar minn sentejn, liema perjodu ma jistgħax jiġi definit bħala perjodu twil ħafna. Madanakollu u għalkemm il-perjodu tas-separazzjoni *de facto* bejn il-kontendenti ma huwiex wieħed li ilu jezisti għal ħafna, il-Qorti ma tistgħax tinjora l-fattispeċji partikolari tal-kaz li għandha quddiemha u n-nuqqas ta' possibilita' ta'

---

[16] Deċiżjoni ta' din il-Qorti fil-kawża **Stephanie Attard vs. Kenneth Attard**, Rikors Numru: 188/15/2AL, deċiża fis-26 t'Ottubru 2016; kif ukoll **Pierre Darmanin vs. Louise Darmanin**, Rikors Numru: 176/16/1AL, deċiż fit-30 ta' Jannar 2017;
[17] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, deċiza mill-Qorti tal-Familja, kif prejeduta, nhar il-15 ta' Marzu 2018.
[18] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019.

rikonċiljazzjoni bejniethom. Dan qiegħed jiġi kkonfermat kif fl-atti tal-kawża ġew prezentatati numru ta' rapporti magħmula lill-Pulizija, u l-konvenut stess jikkonferma illi *"ġie akkużat b'mod falz mir-rikorrenti fuq allegazjonijiet ta' vjolenza domestika, akkużi li qed jirribattii fil-Qorti tal-Maġistrati fis-sede tagħha ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali; kawża li għadha pendenti"*.[19] F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija riċentament mill-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet **Carmen Grixti vs Ivan Grixti**,[20] fejn ġie kkonfermat illi *"kull każ ikollu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u l-Qorti għandha tiddeċiedi skont il-fatti tal-każ li jkollha quddiemha"*.

Għaldaqstant, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, ma hemmx dubju għal din il-Qorti illi l-ħajja mizzewġa ta' bejn il-partijiet spiċċat definittivament, fejn il-partijiet qegħdin jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin. Konsegwentament, il-Qorti ma tarax li l-attriċi għandha tkompli tibbenefika mill-frott tal-ħidma tal-konvenut. *Dato ma non concesso* li l-attriċi għandha itrojtu inqas minn dak tal-konvenut, dan ma għandux ifisser illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tabilfors tibqa' fis-sehhjadopera, jew li jekk jitwaqqaf dan ir-reġim hija ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat. Barra minn hekk mill-atti ma jirrizultax illi hemm xi dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti.

Fl-aħħar lok, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza li tirreferi għaliha l-attriċi fir-risposta tagħha għar-rikors odjern, u ċjoe' s-sentenza fl-ismijiet **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**, deċiża mill-Qorti tal-Familja, diversament presjeduta, nhar il-21 ta' Novembru 2018, fejn l-attriċi tagħzel li tiċċita parti mill-bran sabiex tissostanzja l-argument tagħha kemm fir-rigward tan-nuqqas ta' provi u kif ukoll dwar aġir dubjuz rigward negozju u investimenti. Madanakollu, jiġi puntwalizzat illi l-konsiderazzjonijiet u d-deċizjoni tal-Qorti tal-Familja fis-sentenza surreferita, ġew revokati mill-Qorti tat-Tieni Istanza permezz ta' sentenza mogħtija nhar il-5 ta' Diċembru 2019, bil-konsegweza li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ġiet terminata. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tirrepplika l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-konjuġi Asciak, surreferita, ġialadarba l-kwistjonijiet diskussi mill-Qorti tal-Appell jissostanzjaw il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fis-sentenza odjerna:

[19] Fol. 988 – 989 Tal-proċess bin-numru 159/2019 AL.
[20] Deċiża nhar l-14 ta' Jannar 2021.

*"16. Fl-ewwel lok tosserva li, minkejja li l-konvenuta tghid li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ser ikun ta' pregudizzju ghaliha, minhabba li ma tafx ser jigi min-negozju gestit mill-attur, tenut kont li, l-attur ilu zmien twil jghix ma' mara ohra, u wkoll tenut kont li, skond hi, diga` sar tbaghbis u falsifikazzjoni fl-investimenti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti biex parti minnhom gew mibjugha minghajr il-firma taghha, hi ma ressqet ebda prova biex tissostanzja dak minnha allegat. L-oneru tal-prova tal-pregudizzju mhux proporzjonat jirrisjedi fuq minn qed jallegah, f'dan il-kaz, il-konvenuta u ghalhekk hi ghandha l-oneru li tressaq provi in sostenn ta' dak allegat minnha. Fir-rigward, il-konvenuta baqghet mankanti, minkejja li l-kawza ilha ghall-provi tal-konvenuta mid-9 ta' Frar 2017.*

*17. Fit-tieni lok tosserva li l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom mill-istess komunjoni. Il-partijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni ezistenti sa dik id-data, anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien. Barra minnhekk il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, taht it-Titolu VI intestat "Fuq l-Atti Kawtelatorji" jaghti rimedji legali sabiex il-partijiet jiehdu l-mizuri biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom vis-à-vis il-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk il-konvenuta dejjem ghandha dawn ir-rimedji kawtelatorji biex tissalvagwardja sehemha mill-assi tal-komunjoni.*

*18. Fit-tielet lok mill-provi jirrizulta pacifiku li l-konvenuta baqghet tghix fid-dar matrimonjali [villa] bi spejjez imhallsin mill-attur li inoltre jivversalha manteniment mensili ghal ghejxien taghha ta' €1,000 fix-xahar u ghalhekk, minghajr pregudizzju ghad-dritt taghha li titlob awment filmanteniment jekk ikun opportun, din il-Qorti ma tarax li f'dan l-istadju l-konvenuta ser tbati pregudizzju mhux sproporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni.*

*19. Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti ma tistax taqbel mal-motivazzjoni tal-ewwel Qorti li abbazi taghhom cahdet it-talba tal-attur fuq il-konsiderazzjonijiet li "hemm certi perikoli x'jista' jsir bin-negozju" u ghax "ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti."".*

Għaldaqstant, il-prinċipju kif ribadit fis-sentenzi fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** u **Claire Pisani vs Joseph Pisani**, ċitati *supra*, u ċjoe' li

min ikun qiegħed jallega li ser isofri preġudizzju mhux proporzjonat għandu jġib tali prova, għandu japplika ukoll għar-rikors odjern. Il-Qorti ma tinsabx sodisfatta li l-attriċi resqet dik il-prova sal-grad rikjest mil-liġi illi hija verament ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat f'kaz li jitwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti. Fis-sentenza **Jael Cassar vs Robert Cassar**,[21] ġie ritenut illi *"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat".*

Tenut kont taċ-ċirkostanzi, il-Qorti tara pjuttost illi tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti abbazi ta' dak dikjarat mill-konvenut fir-rikors odjern, ser tkun ta' benefiċċju għaz-zewġ partijiet. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-konvenut ebda mill-partijiet mhu ser isofri xi preġudizzju mhux proporzjonat u dan peress li kif diġa' ġie premess iktar 'il fuq, kull parti tista' tkompli ttella' l-provi rigward l-assi, kemm dawk parafernali u kif ukoll dawk appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, fejn konsegwentament il-Qorti tgħaddi sabiex tipprovdi rigward dan fis-sentenza finali meta tigi biex tillikwida u tassenja l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu nġabru l-provi kollha.

Il-Qorti tirrienfasizza li *"il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qedghin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici"* u dan kif ġie mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**.[22] Dak li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, għad irid jiġi deċiz, likwidat u assenjat mill-Qorti fid-deċizjoni finali tagħha wara l-ġbir tal-provi kollha.

## DEĊIDE:

Għaldaqstant u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċċiedi billi:

---

[21] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-3 ta' Diċembru 2013.
[22] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Ottubru 2015.

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi r-reġim matrimonjali li għandu japplika bejn il-partijiet mill-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat huwa dak tas-separazzjoni tal-beni;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi zmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tgħaddi in ġudikat, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha ai termini tal-Artikolu 55 subinċiz 5 tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjez ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu rizervati għall-ġudizzju finali.

Ft. Dr. Abigail Lofaro

Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino

Deputat Registratur